

Brussell, 5 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15425/17

TRANS 541

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15053/17	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress tal-implimentazzjoni tan-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għat-trasport - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fil-5 ta' Diċembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-"Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress tal-implimentazzjoni tan-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għat-trasport", adottati mill-Kunsill fit-3581 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Diċembru 2017.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL

dwar il-progress tal-implimentazzjoni tan-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għat-trasport

WARA LI KKUNSIDRA:

- ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u r-Regolament (UE) Nru 1316/2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa¹;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Infrastruttura tat-trasport u n-Netwerk trans-Ewropew tat-3 ta' Diċembru 2014²;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Prijaritajiet għall-politika tal-UE dwar it-trasport marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji" tat-8 ta' Ġunju 2017³;
- Id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Rotterdam dwar l-Implimentazzjoni tan-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) adottata fl-20 ta' Ġunju 2016⁴;
- Id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Rotterdam dwar il-Kurituri tal-Merkanzija bil-Ferrovija biex jagħtu spinta lill-merkanzija bil-ferrovija internazzjonali tal-21 ta' Ġunju 2016⁵;

¹ ĠU L 348, 20.12.2013, p.1.

² Dok. 16363/14.

³ Dok. 9976/17.

⁴ Dok. 10308/1/16 REV 1.

⁵ Dok. 10306/16.

- Il-White Paper tal-2017 dwar il-ġejjieni tal-Ewropa tal-1 ta' Marzu 2017⁶ u d-Dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE tat-28 ta' Ġunju 2017⁷;
- Dikjarazzjoni Konġunta tal-Koordinaturi Ewropej dwar il-futur tat-TEN-T u s-CEF.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. ITENNI l-impenn tal-Istati Membri li jimplimentaw in-Netwerk trans-Ewropew għat-Trasport biex jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-UE, isaħħaħ il-koeżjoni, l-aċċessibbiltà u l-konnettività territorjali tar-reġjuni kollha tal-Unjoni, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi, jistimula l-investimenti għat-tekabbir u l-impjiegi fl-UE, jiżgura t-transizzjoni għall-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi u l-issodisfar tal-impenji internazzjonali l-ġodda tal-UE rigward l-oġettivi dwar il-klima (COP21); f'dan ir-rigward JIRRIKONOXXI l-importanza tal-infrastruttura u s-servizzi tat-trasport fit-twettiq taż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport, l-Unjoni tal-Enerġija u s-Suq Uniku Diġitali.

Rappurtar dwar l-implimentazzjoni tan-Netwerk trans-Ewropew għat-Trasport

2. JILQA' l-ewwel rapport ta' progress fuq l-implimentazzjoni tat-TEN-T ippreżentat mill-Kummissjoni u JIRRIKONOXXI li r-rapport jipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-istat attwali f'termini tal-implimentazzjoni tat-TEN-T kif ukoll jenfasizza l-investimenti li saru bil-kontribuzzjoni tas-CEF, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-BEI, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS);
3. JINNOTA li dan l-ewwel rapport ma jinkludix informazzjoni dwar l-investimenti nazzjonali li saru fuq it-TEN-T u għalhekk JISTIENEN lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jużaw għar-rapport li jmiss proċess ta' rappurtar aktar sempliċi u ċar biex jinkludi din l-informazzjoni;
4. IFAKKAR li sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni hija obbligata li twettaq reviżjoni tal-implimentazzjoni tan-netwerk ewlieni TEN-T, filwaqt li tevalwa b'mod partikolari l-ħtieġa għal modifiki għan-netwerk ewlieni biex jittieħed kont ta' ppjanar u żviluppi nazzjonali ta' investiment fil-flussi tat-trasport.

⁶ Dokumenti 6952/17 + ADD 1 + ADD 2.

⁷ Dokumenti 11006/17 + ADD 1.

5. JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rwol importanti tal-Koordinaturi Ewropej fil-faċilitazzjoni ta' implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-Kurituri tan-Netzwerk Ewlieni multimodali u JIRRIKONOXXI lill-Pjanijiet ta' Ħidma tal-Kurituri bħala għodda ta' monitoraġġ adatta għall-progress fuq l-iżvilupp tal-Kurituri tan-Netzwerk Ewlieni; f'dan ir-rigward JILQA' t-tieni ġenerazzjoni ta' pjanijiet ta' ħidma tal-kurituri approvati f'Diċembru 2016 u JAPPELLA lill-Koordinaturi Ewropej biex jippreżentaw il-pjanijiet ta' ħidma aġġornati sa kmieni fl-2018;
6. JIRRIKONOXXI li hemm hteġa kontinwa li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni f'waqtha ta' proġetti tal-Kurituri tan-Netzwerk Ewlieni; f'dan ir-rigward JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex taħtar Koordinaturi Ewropej għall-mandati l-ġodda minn Marzu 2018; JAPPELLA lill-Koordinaturi biex jiffukaw l-attivitajiet tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-Kurituri tan-Netzwerk Ewlieni biex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-iskambju bejn il-Kurituri tan-Netzwerk Ewlieni u biex jiġu żgurati sinerġiji adatti mal-oġġettivi ta' politika rilevanti dwar it-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni;
7. JILQA' l-adozzjoni tal-Pjan Ewropew ta' Mobilitazzjoni il-ġdid għas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (ERTMS) u JIEĦU NOTA tal-preżentazzjoni tal-ewwel Pjan ta' Implimentazzjoni Dettaljat għall-Awtostradi tal-Baħar; JISTIEDEN lill-Koordinaturi Ewropej rispettivi biex imantnu l-isforzi tagħhom fl-iżgurar ta' implimentazzjoni koordinata tal-ERTMS u tal-Awtostradi tal-Baħar;
8. JIRRIKONOXXI l-potenzjal ta' kurituri tal-merkanzija bil-ferrovija biex jiġu żviluppati miżuri kosteffiċjenti għall-ottimizzazzjoni tal-użu tan-netwerk TEN-T u JILQA' l-isforzi tal-Koordinaturi Ewropej biex jisfruttaw is-sinerġiji mal-kurituri tal-merkanzija bil-ferrovija.

Provvediment ta' sensiela ta' proġetti b'saħħithom

9. JILQA' l-ewwel valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment dwar il-Kuritur tan-Netzwerk Ewlieni, ippreżentata mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni li nġabret fil-listi ta' proġetti indikattivi tal-Kurituri; JAPPELLA bħala l-pass li jmiss lill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Istati Membri biex tkompli ttejjeb il-kwalità tal-listi ta' proġetti indikattivi meħmuża mal-Pjanijiet ta' Ħidma, bil-ħsieb li jiġu identifikati l-proġetti rilevanti biex tiġi żgurata t-tlestija f'waqtha tal-kurituri tan-netwerk ewlieni;
10. JINNOTA li din l-ewwel valutazzjoni turi li l-investiment pjanat totali għall-perijodu mill-2016 sal-2030 jammonta għal EUR 607 biljun għall-Kurituri tan-Netzwerk Ewlieni u għal madwar EUR 750 biljun għan-netwerk ewlieni; JINNOTA ulterjorment li matul il-perijodu 2021-2030 il-ħtiġijiet ta' investiment jammontaw għal madwar EUR 500 biljun għan-netwerk ewlieni u għal madwar EUR 1.5 triljun inkluż in-netwerk komprensiv u investiment tat-trasport oħra; JISSOTTOLINJA li l-investimenti fil-Kurituri tan-Netzwerk Ewlieni jistimulaw PDG addizzjonali stmat ta' EUR 4.5 triljun jew 1.8 % PDG addizzjonali stmat madwar l-UE kollha matul dak il-perijodu, jimmobilizzaw madwar 13-il miljun impjieg fis-sena u jiġġeneraw tnaqqis ġenerali ta' emissjonijiet tas-CO₂ ta' madwar 7 miljun tunnellata⁸;
11. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex toħroġ b'analiżi aktar robusta tal-impatt ta' investiment relatat mat-TENT-T fuq l-impjiegi u t-tkabbir, sa nofs l-2018.

Titjib tal-ambjent għall-investiment u simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi

12. JISTENNA B'INTERESS rapport ta' progress fuq ir-rapport Christophersen-Bodewig-Secchi li għandu jenfasizza l-avvanz li sar rigward it-tnaqqis il-rakkomandazzjoni tagħhom u jiddeskrivi l-passi u l-miżuri addizzjonali li huma rilevanti biex itejbu l-qafas għall-investimenti fl-Ewropa; JILQA' l-fatt li xi miżuri li ntalbu diġà ġew implimentati – bħar-reviżjoni tar-regolamenti dwar is-suq finanzjarju u l-kriterji statistiċi għal Sħab Pubbliċi-Privati;

⁸ Ċifri bbażati fuq l-istudji ta' Kurituri tan-Netzwerk Ewlieni.

13. JIEĦU NOTA tal-istudju tal-Kummissjoni biex jidentifika ostakli fil-proċessi regolatorji u amministrattivi li jkollhom impatt fuq l-ippjanar effettiv u effiċjenti kif ukoll l-implimentazzjoni ta' proġetti tan-network ewlieni TEN-T; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa r-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-istudju li jistgħu jwasslu għal aktar miżuri.

Konnessjoni mal-pajjiżi ġirien tal-Ewropa

14. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-konnessjoni tan-network TEN-T mal-infrastruttura tal-pajjiżi ġirien, sabiex jittejjbu l-konnettività, it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività kemm tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi kkonċernati;
15. Għal dan il-għan, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi żgurat li ebda miżura diskriminatorja jew restrittiva ma tiġi imposta fuq operaturi tat-trasport tal-UE li jipprovdu servizzi tat-trasport f'pajjiżi ġirien.

Teħid ta' kont tar-riżultati interim tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fis-settur tat-trasport

16. JISTENNA B'INTERESS ir-riżultati tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tas-CEF u l-valutazzjoni tal-programm tas-CEF f'termini ta' koerenza ma' strumenti oħra tal-UE u l-eżekuzzjoni tiegħu, f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE, l-effettività fil-mobilizzazzjoni ta' investimenti addizzjonali fit-titjib tal-infrastruttura tat-trasport tal-UE u l-kapaċità li jiġi ġenerat valur miżjud tal-UE;
17. JILQA' l-effett multiplikatur tal-finanzjament u l-iskemi ta' finanzjament tal-UE, li s'issa ppermetta lis-CEF jiskatta madwar EUR 45 biljun⁹ ta' investiment fl-iżvilupp tas-settur tat-trasport;
18. JIRRIKONOXXI li sa Diċembru ta' din is-sena 92.2 % tal-baġit tas-CEF-Transport għal għotjiet ta' EUR 23.2 biljun ġie allokat fl-ewwel tliet sejħiet u li l-pakkett ta' koeżjoni ġie allokat bis-sħiħ; JINNOTA li d-domanda għall-finanzjament tas-CEF qabeż b'mod konsiderevoli r-riżorsi disponibbli;

⁹ Ċifra bbażata fuq l-estimi tal-Kummissjoni.

19. IFAKKAR li l-proċess kompetittiv għall-għażla ta' proġetti u l-immaniġġar effiċjenti tal-baġit tas-CEF, inkluż l-applikazzjoni attwali tal-prinċipju "tużah jew titilfu" kif inkorporat fl-Artikolu 12 tar-Regolament dwar is-CEF, huma kritiċi għas-suċċess tas-CEF; u f'dan ir-rigward JAPPELLA għall-implimentazzjoni f'waqtha ta' proġetti mill-benefiċjarji kollha;
20. JINNOTA li mill-istabbiliment tagħha, is-CEF uriet ukoll ċertu potenzjal għal sinerġiji transsettorjali fi proġetti tat-trasport, l-enerġija u l-broadband kif ukoll priyoritajiet relatati (jiġifieri d-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni), li jeħtieġu aktar titjib.

Mobilizzazzjoni ta' strumenti finanzjarji innovattivi għat-trasport

21. JINNOTA li s'issa 9 % biss tal-investimenti kollha mmobilizzati permezz tal-FEIS ibbenefikaw is-settur tat-trasport, minkejja l-fatt li s-CEF-Transport għamel l-akbar kontribuzzjoni għall-ħolqien tal-garanzija tal-FEIS. JENFASIZZA madankollu li sa Novembru 2017, il-FEIS appoġġa 53 operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal objettivi tat-trasport li skattaw total ta' EUR 22.3 biljun f'investiment relatat;
22. JIEĦU NOTA li 12-il operazzjoni tat-trasport oħra ġew iffinanzjati permezz tal-istrumenti finanzjarji tal-UE, bħall-Istrument tad-Dejn tas-CEF, li ngranaw aktar minn EUR 13.6 biljun; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta l-użu tal-istrumenti finanzjarji innovattivi, imħallta ma' għotjiet fejn adatt, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament ta' proġetti tat-trasport madwar l-Istati Membri u l-mezzi tat-trasport kollha;
23. JILQA' t-tnedija mill-Kummissjoni ta' sejħa għat-taħlit ta' EUR 1.35 biljun biex tipprovdi għotjiet għal proġetti tat-trasport bl-għan li jattiraw finanzjament privat addizzjonali u JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi inkluża fir-Regolament dwar is-CEF l-possibbiltà li jiġu stabbiliti faċilitajiet ta' taħlit tas-CEF bl-għan li jattiraw finanzjament privat u pubbliku biex tizzied l-effettività ta' finanzjament tal-UE għal proġetti ta' interess komuni fit-TEN-T; JAPPELLA lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni komprensiva li tippreżenta r-riżultati u tanalizza l-lezzjonijiet meħuda wara l-ewwel sejħa għat-taħlit tas-CEF.

24. JILQA' d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Koordinaturi Ewropej u JIKKONDIVIDI l-viżjoni tagħhom ta' Ewropa aktar effiċjenti u integrata u JIEĦU NOTA tal-appell tagħhom għal appoġġ aktar b'saħħtu tal-UE b'baġit tal-għotjiet miżjud għal investimenti ta' valur miżjud Ewropew fit-trasport;
25. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli timmobilizza finanzjament pubbliku u privat lejn l-oġettivi tal-politika tat-trasport tal-UE, u b'mod partikolari t-tlestija tan-netwerk ewlieni TEN-T sal-2030 u n-netwerk komprensiv sal-2050 kif ukoll, l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi, il-mobbiltà transkonfinali konnessa, awtomatizzata u kooperattiva u l-promozzjoni ta' soluzzjonijiet sikuri u siguri; JAPPELLA għal sinerġiji aħjar bejn proġetti ta' trasport, enerġija u telekomunikazzjoni permezz ta' qafas imtejjeb biex jindirizza n-nuqqasijiet li fadal; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-iżgurar ta' ppjanar strateġiku aħjar, il-promozzjoni ta' żvilupp multimodali u sostenibbli u li jittieħed kont ta' ħtiġijiet tal-manutenzjoni ta' l-infrastruttura tat-trasport;
26. JAPPELLA għat-tisħiħ tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa bħala l-istrument strateġiku tal-UE ta' investiment għar-realizzazzjoni tan-netwerks trans-Ewropej; JISSOTTOLINJA li din il-Faċilità għandha tkompli tinkludi l-pakketti ġenerali u ta' koeżjoni u tiġi implimentata fil-parti l-kbira permezz ta' għotjiet, flimkien ma' strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji, u t-taħlit ta' għotjiet ma' finanzjament privat u pubbliku; JIRRIKONOXXI l-importanza ta', u sinerġiji potenzjali mal-FEIS u fondi u strumenti oħra tal-UE fil-kontribut għall-oġettivi tal-politika dwar it-TEN-T;
27. JISSOTTOLINJA l-valur miżjud Ewropew ta' proġetti fil-mezzi kollha, li jkopru sezzjonijiet transkonfinali, jibnu konnessjonijiet nieqsa, ineħħu ostakli maġġuri u jtejbu l-konnessjonijiet tal-"l-aħħar mil" fin-netwerk TEN-T, isaħħu l-koeżjoni territorjali permezz tal-aċċessibbiltà u l-konnettività tar-reġjuni kollha, kif ukoll jikkontribwixxu għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi u konnessa, u jiżguraw l-interoperabbiltà; JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rwol kruċjali tal-komponent ta' għotjiet fl-iżgurar tal-implimentazzjoni f'waqtha ta' tali proġetti permezz ta' din il-Faċilità;

28. JIRRIKONOXXI li qed jiġi implimentat għadd ta' proġetti transkonfinali magħguri TEN-T li għaddejjin b'data ta' tlestija prevista qabel l-2030 u; JIRRIKONOXXI li l-implimentazzjoni ta' tali proġetti tiddependi fil-parit l-kbira fuq impenn politiku u d-disponibbiltà ta' riżorsi finanzjarji kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali;
29. JIRRIKONOXXI li proġetti fit-trasport li jiġġeneraw id-dħul ħafna drabi jkunu adatti aktar biex jagħmlu użu minn strumenti finanzjarji innovattivi u t-taħlit; filwaqt li JISSOTTOLINJA li jenħtieġ il-komponent ta' għotjiet għal proġetti li jkollhom inqas potenzjal li jiġġeneraw id-dħul, iżda li juru l-valur miżjud tal-UE;
30. JAFFERMA MILL-ĠDID li biex jinkiseb impatt kredibbli u fit-tul fuq is-suq, strument tal-UE ta' investiment fl-infrastruttura jenħtieġ li jipprovdi stabbiltà lill-partijiet ikkonċernati kollha, kemm rigward il-prijoritajiet kif ukoll il-forma ta' appoġġ; JAPPELLA għall-iżgurar tal-kontinwità tal-qafas ta' investiment għal proġetti b'valur miżjud Ewropew.
-